L-Għoxrin Sena Lulju-Settembru, 1950 Għadd 233-235.

# LEHEN IL-MALTI

## MAĦRUĠ
## MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITA')

**FEJN M'HEMMX IDEAL M'HEMMX GĦAQDA**
**FEJN M'HEMMX GĦAQDA M'HEMMX NAZZJON**

X'FIH DAN IL-GĦADD


| | |
|---|---|
| Editorjal | PROF. Ġ. AQUILINA, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.). |
| Żewġ Poeżiji Maltin u l-Awturi tagħhom | ANTON CASSAR |
| Romantiċismu u Klassiċismu fil-Letteratura | J. FENECH ADAMI |
| *Lilha* | C. MIFSUD BONNICI |
| *Ħames Poeżiji ta'* | A. BUTTIGIEG |
| Tgħid Tassew? | KAN. Ġ. M. FARRUGIA |
| Newman u Malta | Ġ. GHIGO, S.J. |
| Filoloġija | Ġ. AQUILINA |

**ALL SORTS OF EDUCATIONAL AND ECCLESIASTICAL BOOKS**

**CAN BE OBTAINED FROM**

## A. C. AQUILINA & CO.

**45D, KINGSWAY, VALLETTA.**

---

# PAUL TALIANA

**WATCH-MAKER AND REPAIRER**

**24, St. JOHN STREET — VALLETTA.**

**A Large Assortment of Watches and First Class Repairing.**

---



# LEHEN IL-MALTI

L-GHOXRIN SENA LULJU-SETT., 1950. Għadd 233-235.

## L-ILSIEN MALTI U L-POLITKA

### SEJHA TA' L-EDITUR.

*Il-poplu jingħaraf mill-ilsien li jitkellem. Aħna Maltin għax nitkellmu bil-Malti, dak l-ilsien li ħa ismu mill-gżira li twelidna u kbirna fiha.*

*Mela l-Malti hu tal-Maltin kollha.*

*Mela l-ilsien Malti hu l-ilsien tal-partiti kollha.*

*Min jiċħdu jew jilgħab bih għall-ħsebijiet ta' rasu jkun qed jiċħad u jilgħab bl-isem ta' l-art ħanina li tatu l-twelid.*

*Lehen il-Malti ma hu marbut ma' l-ebda partit politku.*

*Hu marbut mill-bidu sa l-aħħar mal-programm li l-moviment Malti għamel lilu nnifsu mill-bidu nett; jiġifieri li jżomm il-Malti meqjum u miżmum fil-għoli fil-gżira fejn hu mitkellem u mifhum minn kulħadd xorta waħda. Dan hu l-programm tagħna. La ħriġna minnu u l-anqas bi ħsiebna noħorġu minnu.*

*Min ma jfixkilx il-Malti m'għandux għax jibża' minna.*

*Aħna nafu li, politikament, l-imseħbin tal-moviment Malti u l-kittieba tax-xogħlijiet Maltin ma jaħsbuhiex xorta waħda għax hemm min jidhirlu li l-ġid jista' jsir mod u hemm oħrajn li jaħsbuha mod ieħor.*

*Din hija l-libertà essenzjali għad-demokrazija.*

*Imma f'dak li huwa Malti, l-istudju wil-qari tiegħu fil-Gżira bħala lsien nazzjonali, il-membri tal-moviment, u b'dil-kelma nifhem is-soċjetajiet kollha li jieħdu ħsieb il-Malti, huma marbutin ilkoll ħolqa ma' ħolqa.*

*U l-ħafna ħoloq flimkien jagħmlu l-katina qawwija tal-moviment Malti.*

*Min jipprova jkisser din il-katina, jitkisser hu.*

*Għax ir-Rebħa tal-Ilsien Malti kienet miktuba fil-ġrajja ta' l-istorja li għandha l-liġijiet tagħha. Bħall-univers. Din il-liġi tgħid li meta poplu jaħkem lil ieħor, il-ħakkiem iġiegħel lill-maħkum iwarrab ilsienu u jgħollilu tiegħu.*

*Il-liġi tal-bosk li tgħid: Min jiflaħ jagħti.*

*Imma mbagħad hemm liġi oħra seħbitha li tgħid li malli l-maħkum itajjar il-madmad minn fuq spallejh, hu jafferma ruħu politikament u kulturalment billi jagħti l-ewwel post, kif haqqu, lill-ilsien tal-poplu.*

*Hekk ġara Malta. Hekk ġara qabel fid-dinja. Hekk ġara fl-Ungerija, Rumanija, Bulgarja, Kżekoslovakja, Turkija, Finlandja, il-pajjiżi Baltiċi, fil-Gżejjer ta' Faroes, fir-Russja u bnadi oħra.*

*Għalhekk M. A. Vassalli deher li tilef fi żmienu imma rebaħ wara 130 sena. Fi żmienu l-ħakma tal-barrani kienet qawwija u għalhekk kellu jitlef bil-fors. Dawn l-aħħar snin hawn Malta kibret il-ħakma tal-kotra u mal-kotra rebaħ Mikiel Anton Vassalli li s-saħħa ta' l-idejat tiegħu fuq żmenijietna tinħass aktar mis-saħħa ta' kull Malti ieħor.*

*Iż-żmien għalaq hawn Malta ġerħa li kienet ilha miftuħa. Min jerġa' jiftaħha, joħroġ id-dmija.*

*Qed nikteb ftit ġranet qabel l-elezzjonijiet. Sa ma dil-kitba toħroġ stampata, inkunu ilna nafu r-rieda tal-poplu. Jingħażel min jingħażel biex imexxi d-destin ta' Malta, aħna nagħmlu sejħa lil kulħadd, lill-partiti kollha, dawk li rebħu u dawk li tilfu xorta waħda:*

*"Oħorġu l-Malti mill-politka tal-partiti. Ħalluh igħix il-ħajja tiegħu kulturali u lingwistika mingħajr tfixkil u l-għajb tal-firda.*

*Għax l-ilsien tal-poplu igħaqqad għandu u mhux jifred, bħalma l-Ingliż igħaqqad lill-Ingliżi, il-Franċiż lill-Franċiżi, it-Taljan lit-Taljani"*

*Hekk ikun.!*

28-8-50.

# *Żewġ Poeżiji Maltin u l-Awturi Tagħhom*

Minn ANTON CASSAR.

Mhux biss il-ftit xebh li hemm bejn il-poeżija "Binti" ta' Karmenu Vassallo u l-poeżija "Lil Binti" ta' Ġużè Chetcuti, u l-parallelliżmu li bih xi minn daqqiet jimxu, u l-ħafna kuntrast li hemm bejniethom, ġagħalni nikteb dan l-istudju kritku, iżda wkoll biex nuri s-sbuħija ta' dawn iż-żewġ poeżijiet li jixxiebhu iżda li twieldu f'ambjent differenti, għalkemm nistgħu ngħidu fi żmien wieħed, minn żewġ poeti ta' karattru differenti, li huma ddestinati li jħallu isem sabiħ fil-ġrajja tal-letteratura tagħna. U jekk inħarsu lejn l-età żagħżugħa tagħhom u niftakru kemm laħqu kitbu tajjeb, għandna għalfejn nittamaw li huma għad ikunu tnejn mill-isbaħ kwiekeb fis-sema letterarju Malti.

F'dawn iż-żewġ poeżiji hemm karatteristika waħda li tidher l-aktar, li l-aktar tlaqqagħhom flimkien u xxebbaħhom ma' xulxin barra minn karatteristiki oħrajn ta' inqas saħħa u qawwa ta' għażla. Din il-karatteristika, li fihom tidher l-aktar u li biha t-tnejn jiftħu l-għanja tagħhom hija dik illi fit-twelid ta' binthom jagħirfu l-qawwa hallieqa t'Alla u li huma ma humiex għajr l-għodda li biha Huwa jinqeda. It-tnejn, fit-twelid ta' binthom jaraw il-qawwa ta' Hallieq li jista' kollox. It-tnejn bħal jammettu illi l-bluha u l-kburija ta' żgħużithom u d-dell tan-niket li jmewwet kull ħajr fil-qalb u ċ-ċpar li sata' kifes id-dawl ta' ħajjithom, għeb quddiem dan il-miraklu tat-twelid ta' binthom.

Vassallo jiftaħ il-poeżija tiegħu b'versi li jfissru tajjeb l-għaġeb u t-tqanqil li hass u ġarrab fit-twelid ta' bintu,

> *Rajt dak in-nhar fil-milja kollha tiegħu*
> *il-kobor ta' Driegħ Alla ta' l-Insara:*
> *u minn għajnejja*
> *għal fuq ħaddejja*
> *ħassejt għaddejja*
> *(l-ewwel bil-biża', mbagħ'd bil-ferħ) bħal xmara*
> *taħraq ta' dmugħ.*

Vassallo jkompli jgħid illi għadu jemmen u jibqa' hekk, għalkemm bosta drabi l-materja li ġe' fiha hija magħluqa r-ruħ tiegħu ħabtet tgħajji u tegħleb dik il-qawwa ġewwiena, dik ix-xejra u l-inklinazzjoni tiegħu għat-tajjeb u l-qdusija. Iżda f'din il-ġlieda qalila tiegħu—u mingħajr dubju li qalila kienet il-

ħajja ta' dan il-poeta tan-niket—f'din il-ġlieda tal-għannej tas-Siġġiewi, il-poeta kellu jgħinuh l-għodod ta' ruħu, dawk il-kwalitajiet sbieħ u tajbin li jagħżluh u jerfgħuh mill-kotra u jagħmluh poeta.

*Jien għadni nemmen u nibqa' hekk! It-tafal*
*u t-tajn u t-trab li bihom ġismi ssawwar*
*ħabtu jitfu ġo fija*
*aktar minn darba d-dija*
*tax-xemx ħelwa tat-tama u tal-qdusija;*
*iżda l-għodod ta' ruħi*
*— li taf biċċa minn Alla —*
*ma ssaddu qatt sal-lum: baqgħu misnuna*
*sabiex jitqabdu annuna*
*ma' ġismi w irażżnuh.*

F'versi mill-isbaħ ta' kliem għani u frażeoloġija mill-oħla, Vassallo jistqarr illi ma kenitx il-ħila tiegħu li ħliqa sabiħa mogħnija bil-ġmiel u bil-ħajja ġiet fid-dinja, iżda l-qawwa t'Alla li ħalaq kollox, li jżomm kollox, li jaħseb għal kollox; hu ma kienx għajr l-għodda u l-mezz.

*Iżda, ja binti, ma kenitx il-ħila*
*ta' missierek u t'ommok*
*li ħbub għajnejk xegħlet bid-dawl, u 'l fommok*
*għaniet bil-qawwa tat-tbissim u l-biki;*
*kienet l-Id t'Alla twila, twila, twila...*

Chetcuti bħal Vassallo, jiftaħ il-poeżija tiegħu billi jtina x'nifhmu illi għalkemm ħabat f'żgħożitu joħroġ mit-triq tal-Mulej, madankollu meta ħaseb f'bintu, qabel ma taħa il-ħajja, xegħlet ġewwa fih ix-xrara tas-sewwa u tat-tjubija u niedem talab maħfra,

*Lil Dak li minnu ħrabt*
*minfuħ, kif kont, b'żgħużiti*
*fil-bluha ta' kburiti...*

Fl-ewwel versi tal-poeżijiet tagħhom dawn iż-żewġ poeti għandhom ħafna punti li fihom jaqblu bejniethom, hemm ħafna li huwa komuni għalihom it-tnejn. Iżda Vassallo fit-twelid ta' bintu jidher li huwa milqut mill-misteru tal-ġenerazzjoni ta' tarbija li, meta titwieled u jaraha quddiemu, jitqanqal mill-qiegħ u jinfexx f'għana ta' tifħir lil Alla li jista' kollox u lill-ġmiel tat-tarbija ħelwa. U Chetcuti mill-banda l-oħra sa minn qabel ma twieldet it-tarbija, beda jaħseb fiha, forsi sa ħafna minn qabel huwa xtaq

is-safa. L-ewwel parti tal-poeżija ta' Chetcuti mingħajr ma trid tfakkrek f'poeżija oħra minn tiegħu li hi "Għanja ta' Mħabba".

Fl-ewwel strofi tal-poeżija "Lil Binti", Chetcuti jgħanni l-ferħ bla mtabba' u s-safa ta' l-imħabba li kien xtaq u fittex fi xbejba li kellha tkun is-sieħba tiegħu fil-mixi ta' ħajtu. Din it-taqsima tal-għanja tiegħu ma tfissirx għajr ix-xenqa tiegħu għal dak li kien qiegħed ifittex u sab u turina biċ-ċar u bil-qawwa l-ġiri tiegħu wara dak l-Ideal ta' ħajtu — is-safa ta' l-imħabba.

*Ħassejt ruħi titriegħed,*
*Bħal dell ta' hemm jitbiegħed,*
*u sibt*
*li dak li xtaqt kont ksibt:*

*Għax jien xtaqt ferħ bla mtabba'.*
*Is-safa ta' l-imħabba,*
*Wil-ġmiel*
*Li mhux għalkemm jidbiel.*

L-istess fil-poeżija tiegħu "Għanja ta' Mħabba", naraw il-poeta jiġri wara l-Ideal ta' ħajtu, ifittex dik l-għanja ta' mħabba li jixtieq igħanni hu, kif iħossha ġewwa qalbu u kif jifhimha hu. Fittixha kullimkien dik il-għanja tiegħu, Chetcuti; fittixha fil-ġmiel imxerred tal-ħolqien, fit-tleblib tal-kwiekeb, fid-dehra għaxxieqa tal-ward, fid-dawl tar-Rebbiegħa, fiż-żerniq ta' fil-għodu, fittixha fix-xogħol u t-tħabrik tal-ħajja, fittixha saħansitra fil-għors u fil-frugħa, iżda mbagħad fittixha fejn qalbu ħebritu: fittixha ġo knisja fejn talab lil Alla Mulej.

*F'għajnejh qrajt l-imħabba*
*F'għajnejh qrajt il-ħniena*
*U tlabt Hu jmexxini*
*Fiż-żmien illi ġej.*

u l-poeta ħass qalbu tistrieħ, ħass id-dwejjaq u n-niket iħollu minn miegħu l-ktajjen ta' jasar u jgħibu, u f'sidru xegħlet tama qawwija. L-Ideal tas-safa ta' l-imħabba deher jiddi fuq ix-xefaq ta' ħajtu u hu mexa lejh fil-hena qawwi ta' min ikun sab l-egħjun safja li jaqtgħu l-għatx tal-ħajja u hu mexa lejh fil-biki ta' ferħ ta' min ikun infeda u kiseb il-ħelsien. Hekk għanna f' "Għanja ta' Mħabba",

*Fittixtha, fittixtha*
*u għandek biss sibtha*

*merfugħa ġo qalbek*
*u b'xejn ma tidbiel*

*Ja tfajla ta' mħabbti*
*Ja xbejba ħanina*
*Ja mara ta' ħajti*
*Din l-għanja ta' ġmiel.*

Id-dhul ta' l-għanja ta' Chetcuti jixgħel bi xrar liriku, li fih huwa jesprimi x-xewqa kbira ta' ħajtu, ix-xenqa tas-safa ta' l-imħabba. Il-bqija tal-poeżija tiegħu hija didattika. Iżda l-poeżija "Binti" ta' Vassallo hija għal kollox lirika u fil-versi tiegħu ma narawx ħaġ'oħra għajr it-tqanqil li qajmu fih it-twelid u l-mewt ta' bintu. Fl-ewwel taqsima tal-poeżijet tagħhom, ħsebijiethom jixxiebhu, huma kważi identiċi fis-sens illi t-tnejn, it-twelid ta' binthom iqanqalhom mill-qiegħ u t-tnejn jaraw fih il-qawwa ħallieqa t'Alla. Iżda fit-tieni taqsima, iż-żewġ poeti jieħdu triq differenti u din it-triq tagħhom differenti m'hix ġejja biss mill-karattru poetiku differenti tagħhom iżda hija wkoll influwenzata miċ-ċirkostanzi ta' kull wieħed minnhom, wara t-twelid ta' binthom. Fit-tieni taqsima tal-poeżija ta' Chetcuti naraw il-poeta didattiku li jrid iħalli lezzjoni lil bintu li tibqa' tgħix. Fil-waqt li fit-tieni taqsima tal-poeżija ta' Vassallo, naraw il-poeta liriku-pessimista li jibki x-xorti kiefra tiegħu u ta' bintu li tmut.

Mhux biss minn dawn iż-żewġ poeżijiet li fuqhom qegħdin nitħaddtu, aħna nistgħu nindunaw illi hemm differenza ta' karattru poetiku u differenza ta' xejriet u inklinazzjonijiet bejn iż-żewġ poeti iżda wkoll mill-poeżijiet kollha li kitbu s'issa. Għalina Karmenu Vasssllo huwa poeta liriku, u Ġużè Chetcuti poeta didattiku. B'daqshekk ma rridux ngħidu illi Vassallo ma kitibx poeżija didattika u Ġużè Chetcuti ma tħajjarx jiftaħ ġwenħajh f'titjiriet liriki l-aktar imnebbħin. Iżda din m'hix il-qagħda naturali tagħhom, għalkemm dan il-kliem igħodd aktar għal Vassallo milli għal Chetcuti, għax naħsbu li Chetcuti jinqeda kważi l-istess bil-lirika u kemm bid-didattika, għalkemm huwa aktar jispikka f'ta' l-aħħar.

Il-fehma li Vassallo huwa poeta liriku qabel kollox ma jmeriha ħadd. U dan nafuh mhux biss mill-ewwel ktieb tiegħu ta' poeżija. "Nirien", li huwa mimli b'poeżija soġġettiva, (u fejn il-kelma "Jien" tidher il-ħin kollu!) iżda nafuh ukoll minn stqar-

rija li għamel il-poeta nnifsu u li hi meħuda mid-daħla tal-ktieb tiegħu "Kwiekeb Ta' Qalbi": "Fil-għanjiet tiegħi, sew jekk meħudin kollha f'daqqa kemm jekk meħudin waħda waħda, hemm dik li aħna nsejħulha poeżija lirika. Il-poeżija lirika hi mija fil-mija poeżija soġġettiva, poeżija-jien. Fi kliem ieħor, il-poeta liriku aktar igħanni dak li tħoss u ġġarrab qalbu mqanqla, milli l-ħwejjeġ u l-ġrajjiet li jqajmu u jmisslu f'ruħu dak li jgħanni. Għaldaqstant u la ħadd m'għandu u lanqas ħadd ma jista' jlumni jekk kemm-il darba f'dawn il-għanjiet tiegħi jara u jsib fuq kollox u qabel kollox dak it-tiġrib ta' ferħ jew niket, ta' sliem jew għawġ, ta' apoteosi jew il-maqlub li minnu għaddejt jiena nnifsi". F'dawn il-kelmiet tiegħu stess aħna naraw miġbura l-vokazzjoni ta' Vassallo, u din il-vokazzjoni, sew mhux ftit il-ħqir, in-niket u t-tiġrib kiefer biex sawruha. U saħansitra meta xi mindaqqiet xi għanjiet minn tiegħu jinżebgħu xi ftit b'lewn didattiku bħal "Lil Ibni Herman-Baruch", Lil Marti" u "Lil Ibni Oliver Paul" ma nonqsux li nindunaw b'dak ix-xrar liriku li jixgħel fil-versi tiegħu kollha, u nindunaw illi anki meta l-poeta jkellem lil uliedu jew lil martu fuq l-ogħla idijali tal-ħajja, Alla, id-Din, l-Ilsien u Art it-twelid, il-kliem tiegħu tan-nirien u tal-qilla ma jonqsux. Il-personalità tiegħu mħeġġa qiegħda dejjem hemm.

Ma nistgħux ngħidu li Ġużè Chetcuti huwa poeta didattiku biss u xejn iżjed, u lanqas nistgħu ngħidu li huwa poeta didattiku *par excellence*. Mill-versi li tana s'issa aħna issa nilmħuh bħala poeta didattiku, issa poeta narrativ u drammatku u drabi oħra nilmħuh bħala poeta liriku. U biex wieħed jinduna kemm dana huwa minnu biżżejjed jaqra l-poeżijiet ta' kull għamla li kiteb u josserva l-ħafna suġġetti diversi li kiteb fuqhom. Jekk naqraw il-poeżijiet tiegħu fiż-żewġ kotba li ħareġ "Poeżiji" u "Melita Invicta" ma rridux wisq biex niġu għall-konklużżjoni li fil-poeżija ta' Chetcuti jirriflettu ruħhom il-ġrajjiet ta' żmienu u żmienna. U minn dan nistgħu naraw għala l-poeżija ta' Chetcuti hija aktar didattika, narrativa u xi drabi drammatka milli hi lirika. Għax aktarx li 'l poeta liriku, il-ġrajjiet ta' żmienu ma jinfluwenzawhx aktar milli jinfluwenzawh il-ġrajjiet personali tiegħu. Il-poeżija ta' Vassallo setgħet inkitbet mitt sena ilu jew mitt sena oħra, iżda dejjem tibqa' poeżija lirika, b'ebda influwenza tal-ġrajjiet taż-żmien li fih tkun inkitbet.

Il-poeżija ta' Chetcuti mhix le poeżija didattika weħedha, ħarxa, niexfa jew mingħajr ħjilijiet ta' immaġinazzjoni. Il-

poeżija ta' Chetcuti hija poeżija didattika-lirika. F'għanjietu naraw dik it-tendenza qawwija tiegħu biex jgħallem u jwiddeb, bħal ma naraw fil-poeżijiet tiegħu "Lil Binti", "Alla u Art twelidek" u "Stenna s'għada". Iżda fil-ħin li huwa jikteb biex isawwar il-lezzjonijiet tiegħu huwa jbill il-pinna tiegħu fit-tiġrib u finniket u xi drabi fil-hena u fil-ferħ tiegħu. Għal din ir-raġuni l-poeżija ta' Chetcuti aħna nsejħulha didattika-lirika.

Issa wara li studjajna l-bidu jew id-daħla ta' dawn iż-żewġ poeżijiet u rajna kif il-ħsieb ta' l-ispirazzjonui tagħhom jaqbel u wara li fuq fuq eżaminajna u analizzajna l-karattru tagħhom u sibna li huwa differenti, inkomplu nitħaddtu fuq il-bqija talpoeżijiet tagħhom u naraw kif jiżviluppaw irwieħhom u ninnutaw il-ftit xebh u l-hafna kuntrast li hemm bejniethom.

F'dik li hawnhekk qegħdin insejħu t-tieni taqsima tal-għanjiet ta' dawn iż-żewġ poeti, insibu li ċ-ċirkustanzi u l-ġrajjiet ma jaqblux għax bint Vassallo tmut u bint Chetcuti tibqa' tgħix; għalhekk il-poeżiji ta' bil-fors ma tantx jista' jkun li jkollhom xebh jew taqbil. Iż-żewġ poeżijiet jiżviluppaw rwieħhom b'manjiera differenti, mhux biss għax il-karattru poetiku tal-poeti huwa differenti iżda għax il-ġrajja u ċ-ċirkustanzi huma differenti wkoll; u li kieku ma kienx hemm xi xebh jew xi ħjiel ta' parallelliżmu f'dik li aħna sejjaħna l-ewwel taqsima u xi ftit fit-tieni taqsima, kieku ma kien ikun hemm ebda lok għal studju komparattiv bejn iż-żewġ poeżijiet.

Bint Vassallo tmut, u din il-mewt tat-tarbija bħal ta' warda fil-ftuħ tagħha, kienet l-ispirazzjoni tat-tieni taqsima ta' din il-lirika ta' Vassallo. Ħafna mill-poeżijiet ta' Vassallo jispiċċaw b'nota ta' pessimiżmu, jew b'xi tneħida ta' qtigħ-il-qalb u ta' illużżjoni u din il-poeżija "Binti" hija bir-raġun karatteristika ta' dawn il-poeżijiet tiegħu għax hija wkoll tispiċċa bi tneħida ta' illużżjoni.

*Kont inħobbok tassew u ħlift li mħabbti*
*nissokta nkattar, kull ma jmur għalik:*
*ħlift li nagħmel minn kollox għall-ġid tiegħek:*
*għax l-isbaħ tamiet tiegħi kienu fik.*
*Imma d-dejr ta' tamieti u ta' xewqati*
*sibt li bnejtu fir-ramel:*
*hu ġġarraf minnufih*
*ma' l-ewwel żiffa riħ:*
*u jiena bqajt bil-ħolma ta' frugħati....*

Li kieku bint il-poeta baqgħet ħajja forsi l-poeżija tiegħu kienet tiżviluppa ruħha u tissawwar bħal poeżijiet l-oħra tiegħu "Lil Ibni Herman-Baruch" u "Lil Ibni Oliver Paul", li fihom ikellem lil uliedu għaż-żmien ġejjieni.

*Ftakar ibni maħbub, ftakar li jismek*
*Gwerrier tal-Paċi!*
*Sehmek mela t-taqbid;*
*dmirek rebħa ta' sliema!*
*Ħajjet il-ġens tal-bniedem*
*mhix ħlief silta dejjiema.*

u lil ibnu Oliver Paul,

*Fl-aħħar, xi darba, qabel jasal tmiemek*
*int, li tkun iġġelidt w għelibt l-għedewwa*
*ta' ħajtek u xortik, tal-ħaqq u s-sewwa*
*toħroġ qawwi u rebbieħ.*

Iżda t-tieni taqsima tal-poeżija "Binti" hija tnehida u karba fuq il-mewt tat-tarbija:—

*Ma domtx nitpaxxa bik, għaxqa ta' qalbi*
*u l-akbar hena ta' żgħużiti mżewġa!*

Bint Chetcuti tibqa' tgħix; u f'dik li aħna nsejħu l-kumplament tal-poeżija tiegħu, insibu kliem jaħraq ta' tagħlim li jissawwar f'lezzjoni li huwa jagħti lil bintu u f'bintu lil kull mara Maltija li titwieled. Dan il-kliem ta' Chetcuti huwa l-akbar tifkira, l-akbar patrimonju li jista' jħalli lil bintu. F'kull kelma, f'kull vers u f'kull strofa hemm marsusin tagħlim u idejali kbar, li jibqgħu jkunu s-sejħa lil bosta ġenerazzjonijiet ta' nisa. Donnu Chetcuti bi kliemu jtina x'nifhmu illi jixtieq li bintu tkun bħal xi waħda minn dawk in-nisa li tant iddistingwew irwieħhom fl-istorja, bħal Florence Nightingale, Santa Ċeċilja, Saffo, Ġovanna D'Arko u oħrajn; bħal ma Vassallo jixtieq li wliedu jkunu xi ħaġa, meta jikbru, meta 'l wieħed isemmih Herman-Baruch, *Gwerrier tal-Paċi,* u bi *Gwerrier tal-Paċi* wieħed jifhem bniedem li jaħdem biex iċ-ċiviltà tagħna tixtered u tistagħna u biex jekk ikun meħtieġ jitqabad u jeħodha ma' dawk li jfixklu l-avanzi tagħha, u l-ieħor isemmih Oliver Paul, li kif igħidilna hu stess fid-daħla ta' "Kwiekeb ta' Qalbi" huma "żewġ ismijiet rivoluzzjonarji u ta' qilla, wieħed fil-qasam pulitku u l-ieħor fil-qasam apostoliku".

Hemm żewġ punti, żewġ ħwejjeġ u żewġ ħsebijiet li l-poeti tagħna jaqblu fuqhom fit-tieni taqsima tal-poeżijiet tagħhom,

u dan ix-xebh tal-ħsebijiet tagħhom jitnissel u jsir alavolja ż-żewġ poeti m'humiex fl-istess spirtu ta' ispirazzjoni; għax l-ispirtu ta' Ġużè Chetcuti huwa spirtu ta' ferħ u ta' tama, waqt li l-ispirtu ta' Karmenu Vassallo huwa spirtu ta' niket u qtigħ-il-qalb. Dawn iż-żewġ punti huma, wieħed il-poeżija u l-ieħor l-ilsien Malti, żewġ ħwejjeġ li donnhom il-poeti tagħna, ħsebijiethom qegħdin dejjem fihom, donnhom ma jistgħux igħixu mingħajrhom, donnhom jorqdu u jqumu bihom ġo' moħħhom. Dawn iż-żewġ idejali huma l-għixien taż-żewġ poeti tagħna u d-dija tagħhom timla 'l ħajjithom poetika. Chetcuti lil Bintu jgħidilha hekk.

*Bdiet ġrajja oħra għalija*
*ta' ħolm ta' poeżija*
*tħabrik*
*u mħabba mheġġa għalik.*

.....................................

*għal Lsienek ħabrek, tħabat,*

u Vassallo,

*....kont sirt inħobbok*
*b'imħabba ta' missier u ta' poeta*
*li jħossu tiela' l-ġenna*
*mita jara tittenna,*
*bħal kieku f'mera, ix-xbejba tiegħu f'bintu*

.....................................................

*fl-iskola*
*kont inġibek sikwit quddiem għajnejja*
*tifraħ b'missierek hu u jgħolli Lsienu*
*li fuqu ħela l-egħżeż żmien ta' żmienu.*

Fl-aħħar taqsima u fil-kumplament tal-poeżija ta' Ġużè Chetcuti naraw, kif ġa għedna, li l-versi tiegħu huma didattiki. Huma msawrin bi skop li jgħallmu u jfiehmu biex 'il quddiem meta bintu tkun fil-milja ta' xbubitha u jiġu f'idejha dawn il-versi ta' missierha miktubin lilha, hi titgħallem lezzjoni u b'hekk ħajjitha tkun siewja jekk hi tqiegħed quddiem għajnejha dawk il-versi bħala l-idejali ta' ħajjitha. Dawn il-versi barra li huma didattiki huma wkoll epigrammatki u konċiżi, kull kelma, kull vers u kull strofa hija tagħlima u twiddiba, u fit-tiswir tagħhom m'hemm ebda materjal żejjed.

F'din il-poeżija ta' Chetcuti hemm żewġ punti li minħabba t-twemmin tagħhom ottimista huma ta' kuntrast kbir x'ħin in-

qegħduhom ħdejn versi oħrajn ta' Karmenu Vassallo. Biex kemm nistgħu ma nħallux barra xi punti u nozzjonijiet li jistgħu jgħinu għall-istudju komparattiv, mhux biss bejn iż-żewġ poeżijiet iżda wkoll bejn il-poeti li tagħhom huma l-awturi, aħna ħadna xi versi ta' Karmenu Vassallo mill-poeżija tiegħu "Il-Ħasla" li dehret fil-"Kwiekeb ta' Qalbi". Din il-poeżija titfagħlna xi dawl fuq il-konċezzjoni pessimista tal-filosofija ta' Vassallo, li meta inqegħduha ħdejn il-filosofija ta' Chetcuti ma toqgħodx u ma taqbilx.

Ġużè Chetcuti bl-għajnejn ta' ħsebijietu jħares 'il quddiem u jara dinja aħjar fejn is-sliema ssaltan fi qlub il-bnedmin kollha u fost kull ġens ta' din l-art. Hu jgħidilha lil bintu fil-poeżija tiegħu li eluf u eluf ta' nies qegħdin jissieltu u jitilfu ħajjithom biex jibnu dinja aħjar, fejn il-ħajja tkun ħielsa mit-tirannija li tikkaraterizza hekk tajjeb lil żmenijietna. Chetcuti jwiegħed lil bintu li la tikber hi għad tgħix ħajja wisq isbaħ minn dik il-ħajja ta' gwerra li fiha għexet u li minnha għadha ssofri l-kotra tal-bnedmin. B'dawn iż-żewġ strofi Ġużè Chetcuti jurina li huwa jemmen li għad ikun hawn paċi dejjiema; li x-xogħol ta' ħafna nies kbar u filosfi li ħadmu biex ikun hawn din il-paċi ma jisfax fix-xejn, u lanqas jisfa fix-xejn is-sakrifiċċju li għamlu eluf bil-għoti ta' demmhom u ħajjithom.

*Eluf qegħdin jissieltu*
*mal-mewt, bla nifs, jiġġieldu*
*fin-nar,*
*biex jibnu dinja aħjar.*

*La tikber int ser tirbaħ*
*għax tgħix f'ħajja wisq isbaħ*
*minn din*
*tal-kotra tal-bnedmin.*

Iżda Vassallo ma jaħsibhiex hekk. Għalih is-sliema ta' dejjem hija ħolma fiergħa. Għalih il-gwerer huma bżonn li minn żmien għal ieħor jiġu fuq id-dinja biex inaddfuha mill-għajb u mill-ħjiena li jkunu nġemgħu u li jkunu jassru qlub il-bnedmin, u fil-poeżija tiegħu "Il-Ħasla" għanna hekk,

*Sliema ta' dejjem, ħolma fiergħa. Il-gwerer*
*fid-dinja, bħal ixtiewi tul is-snin;*
*jaħslu w inaddfu kemm-il għajb u ħjiena*
*u jiżirgħu d-deni fl-istess ħin.*

# *ROMANTICISMU U KLASSICISMU FIL-LETTERATURA*

Ta' J. FENECH ADAMI.

Il-kelmiet Romantiċismu u Klassiċismu bdew jiġu wżati għall-bidu tas-seklu dsatax, għalkemm id-divrenzja bejniethom kienet tinħass wisq qabel; hekk biex insemmi eżempju wieħed biss fl-Italja l-għażla bejn iż-żewġ skejjel bdiet tinħass sa miċ-*cinque cento* Taljan, biss dik il-ħabta kienu jmorru taħt l-ismijiet ta' Tassismu u Ariostismu.

Definizzjoni eżatta ta' waħda u l-oħra diffiċli biex tagħti, għalkemm definizzjonijiet jinsabu bl-eluf, min-naħa l-oħra faċli ferm aktar li ddaħħal poeta taħt waħda jew l-oħra miż-żewġ skejjel. Hekk Dun Karm, Arnold, Goethe fl-Iphigenia u fil-Herman und Dorothea jaqgħu taħt it-tikketta klassika, waqt li Rużar Briffa, Keats, Schlegel, Rousseau u Chateaubriand huma Romantiċi.

Dan ma jfissirx li ż-żewġ klassijiet huma maqtugħin minn xulxin b'xi purtieri tal-ħadid li ħadd ma jista' jaqsamhom. Bosta drabi l-istess poeta għandu xogħlijiet tiegħu li jistgħu jmorru taħt tikketta romantika għalkemm hu klassiku u għal kuntrarju poeta romantiku jista' jkollu bċejjeċ klassiċi; hekk Virġilju fl-episodju ta' Dido u kważi tista' tgħid fir-raba' ktieb kollu ta' l-Aeneide hu romantiku għalkemm bħala poeta hu jmur mal-klassiċi; hekk ukoll Dante klassiku ieħor imma Romantiku fix-xejra li jagħti lil Paolo u Francesca, li għalkemm fl-infern tat-tbatija, huma jgawdu fl-imħabba tagħhom mhix mifruda tant li ġibdu s-simpatija tiegħu kif jistqarr:—

> *"Io venni men come morisse*
> *E caddi come morto corpo cade."*

Barra minn dan fl-istess klassi jista' jkun hemm gradi differenti. Hekk Omeru hu inqas klassiku minn Sofokle u Euripides terġa' hu iżjed klassiku minn dan. Fil-Malti għandna lil Buttigieg li għax hu klassiku juża l-versi klassiċi tas-saffika u għax hu Romantiku jagħti l-kulur ta' l-immaġinazzjoni romantika.

> *"U qalb iċ-ċagħ'q miksi bil-qroll u xtieli*
> *qastnin u vjola l-ħut għaddej fi srabat*
> *ħomor u safranin ħfief daqs il-vleġeġ*
> *sejjer jinnamra".*

Compton Rickett jagħtina din id-definizzjoni: "The features most insistent in Romanticism are a subtle sense of mystery, an exuberant intellectual curiosity and an instinct for the elemental simplicities of life". Hawn Rickett għandu f'moħħu l-ħajja intellettwali ta' dak iż-żmien u mhux biss l-intellettwali fil-poeżija u għalhekk il-ġudizzju tiegħu jiswa ħafna għal Rosseau, Byron, Carlyle u Ibsen għax ir-romantiku bħal Ġorġ Pisani jħossu miġbud għall-ħajja u l-immaġinazzjoni tbaqbaq li tfawwar mill-pjaċiri tagħha u bħal Faust igħajjat:—

*"Had I as many souls as there be stars*
*I'd give them all for Mephistopholes."*

Walter Pater li jaf ħafna mis-sens tiegħu ta' kritiku letterarju lil Newman jistqarr li "what is classical comes to us out of the cool and quiet of other times, as a measure of what a long experience has shown us will, at least never displease us" u jkompli jurina li fiż-żmien klassiku tal-Greċja u Ruma kif ukoll fis-seklu tmintax dejjem insibu dik *"l-order in beauty"* waqt li fir-romantiċi nsibu ż-żieda ta' *"Curiosity* and *strangeness to beauty"*. Żewġ elementi ġodda li billi jinsabu l-aktar bl-abbundanza fiż-żmien tan-nofs iġagħlu l-kittieba Romantiċi jxaqilbu għal din l-epoka. Dan hu kollu minnu u għalhekk l-artist klassiku bħal Pope jogħxa mita jsib mod kif isawwar l-aħjar frażijiet:—

*"What oft was thought, but n'er so well expressed"*. Iżda dan bħal ma josserva Renan faċli jġagħluh jaqa' fil-medjokrità u għalhekk età klassika ma tistax iddum wisq, għalkemm spiss tixhed elementi nazzjonali sbieħ fil-fama u li jedifikaw il-qarrej li bħal Foscolo mita jara qabar jaħseb li:—

*"Għall-ħwejjeġ kbar lis-sider qawwi jħejju*
*l-oqbra tal-qawwijin, o Pindemonte".*

u mhux bħal Abercrombie li meta jara l-Epitaph tiegħu jiġih f'rasu li:—

*"Life was a hiding place that played me false"*
*"I lookt for beauty and I longed for rest*
*And now I have perfection; nay, I am*
*Perfection: I am nothing, I am dead."*

Ir-Romantiċi fl-Ingilterra jafu ħafna mill-ispirazzjoni tagħhom lil Burns, Blake, Gray, Collins, Cowper u Crabbe, waqt li

fuq il-kontinent il-kwistjoni bejn skola u oħra bdiet tinħass sewwa minn żmien Goethe u Schiller, Hugo u Gautier u għalhekk De Musset fil-*Lettres de Dupens et Cotonet* ma kellux ħafna tort meta xela r-romantiċismu bħala moviment reazzjonarju li twieled mar-restawrazzjoni tal-Burboni u li skontu mhu xejn ħlief qawmien sentimentali ta' kattoliċismu medjevali. Sir Arthur Quiller Couch fil-lecture tiegħu numru tmienja jgħid li d-divrenzja bejn iż-żewġ klassijiet hi biss din: "Some men have naturally a sense of form stronger than their sense of colour, some men have a sense of colour stronger than their sense of form" u jkompli jgħidilna li xogħlijiet klassiċi jista' jkollhom passjoni, pathos avventuri u ġibda daqs xogħlijiet romantiċi.

Fost l-influwenzi kbar li kellu r-romantiċismu nsemmi t-twelid tal-*Pre-Raphaelite School* li Dante Gabriele Rossetti li kien hemm min sejjaħlu "a kindred spirit to Keats" waqqaf bl-għajnuna ta' John Everett Millais u Holman Hunt fl-1848 u għaqqad flimkien pitturi bħal Madox Brown, il-poeta Kattoliku Coventry Patmore u Ruskin. Dawn kienu jistħajlu ruħhom "as being related in method to the pre-Raphaelites" u għalhekk għal ġganti bħal Giotto, Bellini u Fra Angelico li skonthom kienu welldu r-Raffaello. Dan il-moviment ġdid ħakem sew fuq il-letteratura u sew fuq l-arti u prinċipju tiegħu fundamentali kien pagna mehuda mill-fidi romantika:— "the direct study of nature" li permezz tiegħu huma stennew li jħollu kull irbit mill-konvenzjonijiet taż-żmien u jħollu l-għaqda sħiħa bejn immaġinazzjoni u razzjonaliżmu li kienet qiegħda ttaqqal l-arti ta' żmienhom u li ftit jew wisq hu l-istess difett ta' l-arti moderna.

Platun fil-karru tar-ruħ ġol-"Phaedrus" fil-ġenii ta' l-għar (myths of the cave) fl-Er, huwa l-ewwel Romantiku, għax hu bħal San Pawl nagħmlu t-tieni li "had a deep interest in nature not as a centre of beautiful scenes but as an informing and spiritual factor on life". Madankollu din id-definizzjoni ta' romantiċismu li tana B. Ifor Evans f'*The Short History of English Literature* hi dubbjuża ħafna meta niġu biex napplikawha għal romantiċi bħal Byron.

Spencer, Milton u Pope kollha jagħmlu versi minn leġġendi jew storja li hi komuni għall-bniedem, imma l-poeti romantiċi jħarsu ġo fihom infushom, ħalli joħorġu minn ħajjithom stess sensazzjonijiet u ġibdiet strambi għall-kotra tal-bnedmin.

F'Wordsworth dawn jintrabtu ma' valuri morali u jxaqilbu lejn nies sempliċi u bosta drabi lejn l-art li tagħtina l-ħajja. F'Byron ifawwru minn xi avventura li l-bniedem ftit kien qabel ħass bħalha, Coleridge jġorrna għall-ħolm imnebbaħ mill-artijiet delllija tax-Xenadu u Rużar Briffa għal knisja ċkejkna fi żmien il-kavalieri li taf ġrajja ta' ħsara u swied il-qalb:—

*"Inti taf, ja knisja mwarrba*
*żewġt iqlub rajt imgħannqin*
*rajthom b'ħeffa qed jitbewsu*
*rajthom f'demmhom imgħannqin".*

L-iskola romantika fuq kollox hi mnebbħa minn qawwa ferriħija ta' emanċipazzjoni mil-liġijiet, mix-xejra u l-qisien ta' l-imgħoddi u għalhekk Chesterton jara lil San Franġisk fit-tbexbix ta' l-ewwel Romantiċi Taljani, għax San Franġisk kien ħabb il-beraħ u l-ħelsien ta' l-atmosfera Romantika li hi ħaġa waħda mal-ħolqien u li minnha nfisha tbaxxi "l-atmosfera klassika li hi r-riżultat mhux biss ta' ġenju ntellettwali imma wkoll ta' soċjetà u kondizzjonijiet intellettwali ż-żejjed" kif osserva tajjeb *Brunture* fil-ktieb tiegħu *"La Nationalisation de la litterature"* u li għalhekk faċli kienet twaqqa' ġganti bħal Pascal, Boussuet, Boileau u Moliere mix-xejra tal-versi tagħhom naturali għall-guffaġni u għat-tqanżiħ tar-rettorika.

L-età tar-Romantiċismu jistħajluha tagħlaq ma' l-1830, id-data li fiha Tennyson ħareġ l-ewwel poeżiji mportanti tiegħu. Wordsworth ma mietx qabel l-1850 imma kiteb ftit ħwejjeġ ta' fejda wara l-1808, Coleridge miet fl-1834, Scott fl-1832, Byron fl-1824, Shelly fl-1822, u Keats fl-1821.

Għannejja ġodda għeruqhom imxenxla fil-ħamrija taż-żewġ skejjel kienu ġa qegħdin jifirxu fuq l-orizzont imdieheb bir-raġġi ta' xemx ħanina wara daharhom, li kienet tnebbaħ żminijiet ġodda u l-ħolqien kien kollu jiddi u jfawwar bl-għidut tagħhom li jixħed il-ħalib ġwejjed ta' l-istess natura u l-benna ta' frott maqtugħ mill-istess siġra — is-siġra tal-ġmiel u s-sbuħija li hi l-istess Alla.

## L I L H A. II.

Largo grave e funebre

*Nixtieq inħares lejk sakemm għajnejja*
*jitilfu d-dawl f'dagħdiegħa ta' sbuħija,*
*nixtieq nibqgħu flimkien sakemm taqbadni l-għeja,*
*l-għeja tal-laħam, tan-nervi, tal-għadam,*
*l-għeja tal-mewt.*

*Naf, għax ħassejtha jien, l-irtuba ta' xufftejk,*
*għid......għid,*
*bdejt tirtogħod meta bistek l-aħħar?*
*Għid, għid għax jien nibża' mill-mewt.*
*Naf kif dal-ħsieb ħassejtu jdamdam il-biża'*
*minn xufftejja għal żaqqi u hemm ħarbatni,*
*tellifli x-xejra tad-demm,*
*li daħal bejn l-għadam ta' rasi,*
*baħbaħli moħħi bil-ħmura,*
*bil-ħmura tal-mewt tad-demm.*

*Qabel il-mewt jibda l-uġigħ . . . . . jibda*
*jaqagħli laħmi biċċa biċċa*
*jinxifli demmi ftit ftit*
*jitqarqċu n-nervi biex ma nħossx aktar......*
*u l-mudullun, magħmul xmara ta' gomma tagħli*
*ġera ġo' għadmi...... faqa ċ-ċaqċiq tal-ġogi.*
*Ġismi qed jarmi l-qżież u l-intiena.*
*Il-laħam ta' jdejja mfellel sal-għadam*
*lest biex jimtela sax-xfar taż-żquq*
*bil-ħmieġ u l-ħdura tal-ilma qiegħed.*
*Xommu, jwaqqagħlek xahar imnifsejk bl-intiena.*
*Ix-xahar niżel fuq wiċċi biex igħatti l-ġrieħi,*
*għadajjar tad-demm fejn igħumu s-sangisugi.*

*Meta kultant ikollna niltaqgħu fl-għaxija,*
*jaqbduni d-dwejjaq.*
*Naf li jien, jien, jew ma nafx li int, int?*
*U jekk ma nafx x'jien jien, int x'int,*

*kif se niġi ħdejk, bla ma naf,*
*x'inħoss jew x'naħseb, xi tħoss jew x'taħseb,*
*sewwa, sewwa?*
*Hekk kif inkun rixa fil-beraħ,*
*fil-ħemda ta' bejn il-kwiekeb,*
*imkebbeb fid-duħħan tal-melankonija,*
*nittanta naħseb, x'ġed naħseb ġo fija*
*niftakar fik.... u l-ħemda tad-dlam*
*issir infern ta' ħsejjes, xmux jitqabdu,*
*it-textix tal-kiesaħ fuq is-sħun,*
*magħmul,*
*mill-ħbit ta' kewkba mejta ma' xemx żagħżugħa....*
*w ir-rixa tinfirex għas-serħan fuq il-qamar,*
*tixxawwat minn-naħa,*
*tissilleġ mill-oħra*
*titmermer fix-xejn.*
*Biex ħadd ma jiġbed?*

*Mela l-għaraq jibda nieżel ma' nagħsi,*
*u jleqq fuq ġbini,*
*mela jibda l-gdim u l-brim fi ħxejja,*
*u jaqbad itini tagħfis fir-ras,*
*inħares lejk, isserreþ tferfira ma dahri,*
*naqbdek u nagħfsek fi ħdani,*
*nitilqek mitluqa fuq ħaġra żonqrija,*
*għax rajt egħfiered ħomor*
*(daqs id-demm tal-vini ta' għajnejk)*
*iduru... iduru... u dort:*
*"Għaliex schemkom il-moħqrija,*
*l-ewwel l-uġigħ u wara l-mewt?"*
*Biex kulħadd jiġbed?*

*Fejn għafsu idejk fuq laħmi,*
*hemmhekk inġabar demmi,*
*u kħal ferħan bħas-sema.*

*'Mma l-għada,*
*fl-arloġġ li għamlu snienek fuq laħmi,*

ROYAL UNIVERS

*rajt li sar il-ħin,*
*għedtlek saħħa bla saħħa,*
*ħriġt, u ma għalaqtx il-bieb 'warajja.*

*Hekk spiċċajna jien u int,*
*min jaf kemm bħalna?*
*Raddejt salib fi knisja l-għada,*
*u mar-radda,*
*tlabt lil Ġesù*
*jixxotta l-għaraq ta' fuq moħħi,*
*iwaqqaf il-brim fi ħxejja,*
*u sakemm missejt spalti,*
*ħassejt il-madmad tiegħu ħelu,*
*għajjat idejja,*
*flimkien,*
*u tennejt talbi.*
*Ħallihom jiġbdu!*

Ġ. MIFSUD BONNICI.

Bormla, Mejju-Diċembru 1949.

---

## ETERNITA'.

*L-arloġġ imqabbad lejl u nhar mal-grabja*
*ta' Bir l-Eternità, u qatt għajjien*
*jimla kull kwarta satal ilma u jitfgħu*
*bid-daqq tal-qniepen ġewwa l-wied taż-żmien.*

*U l-wied taż-żmien għaddej ikarkar miegħu*
*il-ġrajja tal-istorja: Atene u Ruma,*
*in-Nil u Babel, Alamejn u Tokjo:*
*dgħajjes tal-karta mill-kurrent maħkuma.*

*Bil-lejl, bi nhar, l-arloġġ jerja' bis-satal;*
*'mma Bir l-Eternità ma jinxef qatt;*
*u l-arloġġ jixbah lil dak l-anġlu ċkejken*
*li deher lil Sant Wistin ma' ġenb ix-xatt.*

## IL-KEWKBA TA' FL-GHAXIJA

*Ja Kewkba ta' fl-għaxija, id-dehra tiegħek*
*tiġbor l-agħsafar, tiġbor il-merħliet,*
*u ġġagħal lill-bidwi jżarma s-sienja w jerġa'*
*qajl lejn id-dar bil-barri w bil-moħriet.*

*Ja Kewkba ta' fl-għaxija, d-dehra tiegħek*
*lis-sajjied tibgħat barra bil-lampara,*
*toħroġ lill-friefet ta' bil-lejl mill-bejta,*
*tibgħat lill-kokka mal-firien tissara.*

*Ja lampa ta' bil-lejl, jalla ż-żejt tiegħek*
*li qatt ma nhela mindu dhert fis-sema,*
*jissokta jnemnem ta' kull jum u jdawwal*
*lil dawk li jishru biex il-ħobż jinħema.*

## TLIET EPIGRAMMI

### VIVI'

*Vivì xtaqet tiżżewweġ u bdiet timraħ,*
*u tiġri 'l hawn u 'l hemm daqs l-aqwa debba;*
*fil-għatx li kellha li tiżżewweġ wiċħed*
*iżżewġet ma' kulħadd u baqgħet xebba.*

### FIDIL

*Ġanni jiekol u jixrob, qatt ma jaħdem,*
*u għandu ħaġa sew: qatt m'hu kurjus:*
*tagħmel lussu kemm trid il-mara tiegħu,*
*qatt ma staqsieha mnejn iġġib il-flus.*

### MOHHHA MISTRIEH

*Rieqda daqs bumarin, u biex tqajjimha*
*kanun trid tisparalha jew sajjetta;*
*moħħha mistrieħ: qabel ma marru l-ballu*
*uliedha t-tliet xebbiet ħadu ċ-ċavetta.*

A. BUTTIGIEG.

# TGHID TASSEW?

*(Ġrajja qrib is-sewwa)*

Tal-Kan. Ġ. M. FARRUGIA.

Ninsabu fil-Belt ta' Cannes, fis-sajf tal-1861. Din tiġi fir-Rivjera ta' Franza u xi 20 mil fil-Lbiċ ta' Nizza. Jien qatt ma mort hemm, iżda minn dak li qaluli, dil-Belt hi xi ħaġa li ssaħħrek. Il-muntanji li jsaltnu fuqha, milqutin mix-xemx, tistħajjilhom issa tad-deheb, issa tal-fidda, issa tal-malakita, issa taż-żaffiri u ta' lwien oħra, li jisbqu l-istess qawsalla. Il-gelgul ta' l-ilma jleqq daqs id-djamanti, nieżel mill-quċċata, abjad daqs l-alabastru, tistħajjilhom sriep fi tfulithom, qegħdin jitbaħardu, u jilagħbu tula. Iżjed 'l isfel, tilmaħ Palazz, vilel taħt siġar xjuħ, ta' kull għamla, miżgħudin bil-frott; ward abjad, aħmar, isfar, ġilji u ħxejjex rari, miġjubin mill-pajjiżi ta' l-erba' kontinenti, tistħajjilhom ħaġar prezzjus u ġawhar, immuntati fuq il-kuruna tas-Sultan. Il-Belt ta' Cannes hi waħda mill-isbaħ, kemm għat-toroq wesgħin u twal, kemm għall-pjazez, vilel, parks, statwi, iżda dak li iżjed jolqtok huma l-fjuri; fjuri, fjuri kull fejn iddawwar wiċċek.

Ix-Xatt, ma għandniex xi ngħidu, wara l-bankijiet mimlijin dejjem bit-turisti, jitpaxxew min-naħa l-waħda bil-fjuri, u min-naħa l-oħra, bid-dehra tal-baħar kaħlani u ġwejjed tal-Mediterran. L-ajru dejjem safi u mfewwaħ bil-balzmu. Sajf bla sħana, xitwa bla maltempijiet, kulħadd f'dil ġenna ta' l-art, isib il-hena tiegħu. Min iħobb il-baħar, għandu kull ma jixtieq: jibbordja jew jagħmel xi eskursjoni fuq il-vapuretti; min iħobb il-kampanja u l-kwiet, għandu fejn iserraħ moħħu, min jogħġbu l-*mountaineering*, għandu ma' fejn jixxabbat; min iħobb jixxala, għandu: teatri, lukandi lussużi, fejn jiltaqa' ma' persunaġġi għorrief jew ma' kbarat; tiġrijiet ta' żwiemel, u elf sports oħra. Ir-Reġina Vittorja, kull sena kienet tmur tgħaddi xi xhur f'din il-Belt tas-sħarijiet, u hemm min igħid, li kienet tmur hemm, fil-ħabta tal-Għid, biex tagħmel il-Preċett?! Il-qasba, jgħidu, ma ċċaqċaqx għal xejn. In-nies ta' hemm tant drawha u ħabbewha, li wara mewtha għamlulha statwa fil-pjazza ewlenija ta' Cannes. Ma biex ma ntawlux dar-rakkont nerġgħu mill-ġdid fejn konna. Meta r-Reġina kienet tmur lura l-Ingilterra, f'Can-

nes, kien jasal Prinċep *incognito* taħt l-isem ta' Albert ta' Windsor, waħdu, bla segwitu, billi kienu jdejquh dawk il-ħafna ministri u segretarji, u kien jaħrab iċ-ċerimonji meħtieġa għall-pożizzjoni għolja tiegħu.

Kien iħobb jimxi waħdu, jagħmel xi passiġġata fil-Parks, u hemmhekk joħroġ xi sigarru Havana u jpejpu bil-qalb, għax kien wieħed minn dawk il-fumaturi a la Churchill (daħħan ma jaqtax) jew erħilu jaqbad il-passiġġata tar-Riviera, u bil-lajma l-lajma, issa jħares lejn il-fjuri u issa lejn il-mewġ u r-ragħwa tal-baħar, tbus u żżiegħel biż-żenqiet tar-ramel. Meta jsiru s-7 erħilu lejn il-lukanda, fejn jiekol, ipejjep is-sigarru, jilbes il-ġistakor, jidħol fis-sala tal-Ballu, biex jiżfen ma' xi xbejba sabiħa. Kien bniedem bħal ħaddieħor!! Fost iż-żeffiena li kien hemm fis-sala, iffissa għajnejh fuq tfajla ta' xi 20 sena, u talabha biex jiżfen magħha. Ġmielha, barra minn dnubietha, kien dak ta' Madonna tal-Beatu Angelico jew ta' Raffaello; ta' natural misthi, iżda kolta biżżejjed fi kliemha, kolta u ta' min iħobbha. Waqt iż-żfin u d-dawran tal-valzers, ta' polki, ta' galoppi, (dak iż-żmien il-**foxtrot**, ir-rumba u t-Two steps kienu għadhom mhux tal-moda), xi kelma 'l hawn u 'l hinn beda jgħidilha, saqsieha bint min hi, u ta' sikwit jeħodha fil-Bar għal xi tazza champagne jew whisky, sa kemm rasha daret biha u l-misthija bla ma riedet, għabitilha għal kollox. Daħlu ġewwa d-Dark Room...... u fl-aħħar, il-ħrafa ta' David u ta' Bersabea reġgħet iġġeddet!! Trid tgħid kemm hu fraġli l-bniedem!

* * *

Ninsabu mill-ġdid fil-Belt ta' Cannes, fis-sena 1875 fejn il-kotra kbira ta' l-Ingliżi nobbli u dawk li ma jibżgħux għall-flus, imorru hemm bil-gzuz, biex jeħilsu mill-bard, mill-borra u miċ-ċpar qatrani tal-Belt ta' Londra. Il-Markiża ta' Bedford mardet sewwa bit-tiżi, u għalhekk it-tobba qalulha biex tmur tgħaddi xi ftit xhur f'Cannes, fejn l-arja safja u t-temp ħlejju, fih l-elementi kollha meħtieġa għall-qerda ta' dik il-marda. Għal raġuni ta' prudenza, il-Markiża ma tantx xtaqet tmur hemm, speċjalment biex ma tnikkitx il seħbitha, billi dak il-post ifakkarha f'ħafna niket u għali, iżda s-saħħa tagħleb ir-raġunijiet kollha, u għalhekk marret Cannes, u għall-prudenza—nergħu ngħidu—għażlet minflok l-Hotel d'Angleterre, dik tal-Hotel Continental.

Fost il-folol ta' nies li kienu jippassiġġaw ma' tul il-*Pro-*

*menade*: nies ta' kull ġens u pożizzjoni fis-soċjetà: Ingliżi, Franċiżi, Tedeski, Russi, Ġappuniżi, Ċiniżi, insomma, post tassew kosmopolita, niltaqgħu ma' sinjura, liebsa l-iswed u ma' ġenbha binha, ta' xi 14-il sena, miexja ħosbiena u kull tant toħroġ il-maktur u tixxotta demgħa, bil-moħbi biex binha ma jindunax. Il-ġonna, il-fjuri, il-vilel, il-baħar, setgħu qatt ma kienu għaliha. Fil-bajja ftit il-bogħod mill-moll, tilmaħ jott fost l-oħrajn, iżjed kbir u sbejjaħ. Hu il-"Yacht Victoria and Albert" bil-bandiera Bajda b'salib aħmar. Qalbha għamlet tikk u f'daqqa, bħal leħħa ta' *kodak* dehrilha kollu kemm hu l-imgħoddi. Tnieħdet, ħasset rasha ddur biha, daret lejn binha u qaltlu: Ejjew immorru lura l-lukanda, u fil-konfużżjoni tal-mument, ilwiet għal triq, biex iżjed tqarreb, u bla ma taf sabet ruħha ħdejn l-Hotel d'Angleterre, u bejn tolfoq u titriegħed qalet lil binha: Hawn iltqajt għall-ewwel darba mal-papà tiegħek. ......Hawn il-bidu u t-tmiem tal-feliċità tiegħi!...... u t-tfajjel: Mela ma sibtx xorti mal-papà, kien forsi jaħqrek? Ħlielek forsi kull ma kellek, u abbandonak? Lè, ibni, il-papà ħabbni, iżda ċ-ċirkustanzi u l-fortuna kiefra ġagħluna ninfirdu minn xulxin...... u iżjed issaqsinix, biex ma tnikkitnix. Kollox għad ingħidlek, iżda, għadu ma wasalx il-ħin li ngħarrfek is-segrieti ta' l-imsejkna ommok. It-tifel obda, u min dak inhar qatt iżjed ma saqsa xejn 'l ommu.

Il-Markiża ta' Bedford għaddiet għat-tajjeb u malli daħal ix-xaħar ta' Lulju, reġgħet lura għal Londra u flimkien magħha ħabibtha: Omm iċ-ċkejken Albert.

* * *

Għaddew 17-il sena, u fil-Kulleġġ ta' Farm Street, Londra, mar żagħżugħ, għalkemm jitħaddet tajjeb bl-Ingliż, mill-bixra ta' wiċċu kellu iżjed mill-Franċiżi; ġuvni ħelu, sabiħ li ma ngħidilkomx. Mar ifittex il-Patri Rettur. Kif ir-Rettur rah, saqsieh: x'jista' jagħmel għalih; l-ieħor wieġbu: Irrid nidħol Ġeżwita. Għandek ċertifikati x'turi tal-magħmudija, kondotta, nisel tal-familja, studji u ħwejjeġ meħtieġa biex jien nista' nilqa' t-talba tiegħek? Jien ma għandi xejn x'nuri ħlief biljett li ommi tatni qabel mewtha; biljett għażiż li dejjem kienet taħbi fuqha u li biex tatuli, ħadt ġurament li jien ma nurih lil ħadd, ħlief meta ma nkunx nista' nagħmel ieħor, u daħħal idu fil-but tal-ġlekk u newwilhulu, fil-waqt li qallu: "Jien iben dawn". Kieku li sajjetta niżlet mis-sema ikħal, ma kenitx taħsad lill-Patri Rettur daqs il-biljett

li kellu quddiem għajnejh. Qiegħed toħlom?...... reġa' qallu r-Rettur. Emminni, wieġeb il-ġuvni li qiegħed ngħidlek hu sakrosant. Imma dan hu l-biljett tal-Prince of Wales, u la Comptesse Antoinette de Paris, x'tiġi minnek? Ommi!!...... Jien ħabib tal-familja, tal-Compte de Paris, u la naf lil Marie Antoinette u anqas lilek. Iva Father, għax jien u ommi qegħdin mal-Markiża ta' Bedford. F'kelma qasira, meta Ommi għamlet dak l-iżball, innannu ma riedx iżommha d-dar, iżda l-Markiża fetħitilha darha u żammitha bħala waħda ta' ġewwa (Chaperon) fejn xhur wara twelidt jien. Das-segriet sallum baqa' mistur. Int Father l-ewwel li tafu...... Ikollok ħniena, u daħħalni fil-Kumpanija. All right, qagħad jaħseb ftit, mela dik ix-xalata saret: *inter solutum et solutam* — leġitimazzjon faċli — Mela tista' toqgħod mn'isss u ssir Ġeżwita, biex taħdem, u jekk Alla jrid maż-żmien għad tista' tiswa' biex lil missierek iddaħħlu fi ħdan il-Knisja Mqaddsa. Il-Ġeżwiti la jsaqsu u la jimpurtahom minn dawk li jsejħulhom: *Freshers*: għax dak li s-Superjuri jagħmlu, joħduh bħala għamil t'Alla nnifsu. Għalhekk iż-żagħżugħ għamel in-Novizzjat, u l-kors kollu ta' l-istudji; għamel il-Kors Professjonali fl-Università ta' Louvain u ta' Douai, u meta għalaq it-32 sena, ħa l-Quddiesa. Is-segriet tan-nisel tiegħu qatt ma nkixef. Kull sajf jew għall-ħabta tal-Għid il-Kbir, Fr. Albert (dan kien ismu) erħilu jmur Cannes. In-nies ta' hemm kienu jaraw Reverendu jippassiġġa mal-Prinċep minni msemmi; iżda l-iżjed li kienu jistagħġbu, għax kienu jafu li l-Prinċep kien Protestant, mentri l-Father kien Kattoliku u biex iżjed tagħqad, ma' Ġeżwita, li l-Protestanti ftit u xejn għandhom demm magħhom. Dawn il-mawriet ta' Fr. Albert, ma kenux ta' darba, iżda ta' kull sena, u baqgħu sejrin għall-Għidien kollha sas-sena 1910.

* * *

Xtaqt li nħalli sal-aħħar, bla ma nsemmi dak il-Prinċep min kien, iżda l-ġrajjiet li ġejjin, ikollhom bil-fors jikxfu s-segriet kemm ta' Fr. Albert, kemm tal-Prinċep, kemm tiegħi bħala kittieb, sabiex il-ġrajjiet ikunu miftehma aħjar.

Dak il-Prinċep ma kienx ħlief il-Prince of Wales, li minħabba fir-raġuni ta' l-Istat, u biex ma jsirx xi tixwix fl-Imperu, kellu aktarx kontra qalbu jiżżewweġ lill-Prinċipessa Alexandra tad-Danimarka. Il-Prinċep kien ġentlom tassew u ried isewwi xturhu, iżda billi x-xebba kienet Kattolika, għalkemm wegħidha li ġurnata ssir Reġina iżda hi ppreferiet li tibqa' fid-dizunur u ma

tbiddilx ir-reliġjon ta' Missirijietha, u min-naħa l-oħra, jekk il-Prinċep jiċħad il-Protestantiżmu, kien jitlef it-Tron.

Fl-1901 meta r-Reġina Vittoria mietet, il-Prince of Wales laħaq Re, bl-isem ta' Edward VII, bniedem ta' moħħu miftuħ, li là jbati bil-Puritaniżmu, bħall-biċċa l-kbira ta' l-Ingliżi, u anqas bil-bigottiżmu. Fil-jum ta' l-Inkoronazzjoni, meta l-Arċisqof ta' Canterbury, newwillu l-ktieb, biex jieħu l-ġurament li joffendi s-sentimenti ta' miljuni ta' Sudditi Kattoliċi, qallu: "This is all nonsense". Tgħid mhux suġġeriment ta' Fr. Albert li kien midħla ta' Buckingham Palace, u joqgħod jitħaddet sigħat sħaħ mar-Re? Meta King Edward ġie Malta, meta mar l-Indja u mill-ġdid għamel vjaġġi mal-Mediterran, dal-misterjus ta' Fr. Albert, dejjem kien jivvjaġġa miegħu. Kien hemm min fost is-segwitu, jsejjaħlu: *Sa Eminence Griz*, bħal ma kienu jsejħu lil dak il-Patri Kabuċċin li qatt ma kien jinfired mill-Kard. Richelieu. Meta ġie Malta, inzertat ġiet ukoll fuq il-Yacht tagħha, ir-Reġina tal-Portugal, oħt iż-żgħira tax-xebba ta' Cannes; u l-ilsna ħżiena, bdew igħidu u jqasqsu li ġie warajha.

Id-dawran tas-snin hu bħal dak tar-raddiena tal-magħżel, f'id mara xiħa, li bl-imradd f'idha, iddawwar iddawwar bis-saba' l-werrej, u tqiegħed u tgezzez il-ġażżri maħdumin. Bħal ġażżri wkoll is-snin f'kull tant dawriet jitlestew sa kemm dak ix-xogħol ta' paċenzja jintemm. Għaddew mela s-snin u wara Saltna li għamlitlu ġieħ, minħabba, speċjalment, li fittex dejjem il-ftehim u l-paċi fost il-Ġnus, u li għalhekk ġie msejjaħ is-Sultan tal-Paċi: "Edward the Peace-maker" fil-5 ta' Mejju 1910 taħ attakk ta' bronkite u l-għada miet. Ma għandniex xi ngħidu, malajr bagħtu għall-Arċisqof ta' Canterbury, biex jassistih iżda r-Rè, ma riedx jaf bih. Qallhom biex imorru għal Fr. Albert ta' Farm Street. Ir-Re mhux jitlob, iżda jordna, għalhekk xewqtu ġiet mismugħa bla telf ta' żmien. F'xid-9 ta' bil-lejl, deher dieħel f'Buckingham Palace, Reverendu b'idejh fuq sidru qiegħed iżomm xi ħaġa għażiża, għajnejh baxxi u b'fommu itenni taħt ilsien, il-Miserere. Daħħluh fil-kamra ta' l-agonizzant, għalaq, sakkar, dam li dam, wara xi nofs siegħa fetaħ u qal lis-Segretarju: The King is dead. Ræquiem æternam dona ei Domine. Min jista' jaf kemm jinsabu ħwejjeġ li qatt ma nkitbu u baqgħu midfunin fis-skiet u fil-qabar tal-misterju għax ma kienx xieraq jinkitbu, l-aktar fil-ġrajjiet tas-Slaten? Għax bħal ma l-Anġlu Rafiel, qal lil Tobija: Sacramentum Regis abscondere bonum est (Istor, għax hi ħaġa sewwa, l-ħtijiet tas-Sultan) (Tob. XII. 7). Fr. Albert iben ir-Re Dwardu, assista ma' Missieru waqt il-mewt! ! !......

# NEWMAN U MALTA

Qabel ma jibda jaqra, wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh li J. H. Newman kien għadu Protestant meta għadda xi erbat ijiem hawn Malta: iżda ma kienx daqshekk rasu marbuta bħal bosta minn ħutu. Lanqas m'għandu wieħed jistenna li nuru u nsewwu hawnhekk xi żbalji ta' Newman dwar ir-reliġjon, l-istorja, il-politika.

Hija ħaġa minn awl id-dinja, mija fil-mija fin-natura talbniedem, li jiftaħar b'rixu. Din il-ġibda narawha tmexxi 'l-bniedem meta dan isemmi bl-akbar gost kif u kemm kellu x'jaqsam ma' nies magħrufa. Naħseb li dan kien li ġagħalna nitkixxfu fuq il-qagħda ta' Newman fi gżiritna. Iżda nafu li Newman kien rebħa kbira għall-Knisja Kattolka fl-Ingilterra. U meta niftakru kemm kien sinċier Newman, u kif iż-żjajjar tiegħu lill-artijiet Kattoliċi llimawlu bil-mod il-mod il-preġudizzji li kienu jxekklu 'l moħħu, għandna niżżu ħajr 'l Alla li Malta wkoll kienet fit-triq imdawla li minnha Newman lemaħ id-dawl ħanin jixref quddiemu.

Bejn l-1832 u l-1833, Newman, flimkien ma' Mr. R. H. Froude u ibnu, għamel safra madwar l-artijiet tal-Mediterran. Din is-safra kien ħaseb għaliha Mr. Froude, li kellu wisq għal qalbu s-saħħa ta' ibnu: Newman kien imħajjar għal dawra bħal dik u laqa' l-istedina. Il-ħbieb tagħna kienu jistennew li jaslu Malta lejlet il-Milied tal-1833 filgħodu; u għalkemm il-baħar ħaqarhom bl-ikraħ u r-riħ marrad sa nofs il-baħrin, waslu Malta kif kienu ħasbu. Newman kien wieħed mill-aktar li bata, għalkemm ma tantx kien jagħti każ tat-taqlib li ġablu l-baħar, u għalhekk meta waslu, Newman ħassu jistejqer għall-aħħar. Minn meta ħalla l-Ingilterra (7 ta' Diċ.) ma raqadx lejl sħiħ ħlief meta daħlu għal ftit Ġibiltà: kien għajjien mejjet, iżda qatt ma dendel il-geddum; u meta kollox madwaru, l-aktar fl-aħħar ġranet tal-vjaġġ, kien jiċċaqlaq, idur u jinqaleb, it-tbissima ta' dari kienet tibqa' titliegħeb fuq xofftejh. Tistgħu taħsbu jekk qalx għall-erwieħ darba meta sab ruħu Malta.

Iżda Newman ma daħalx Malta biex joqgħod. Wasal it-Tnejn u l-Erbgħa kellu jitlaq għal Korfù. Malta kellu jaraha mill-ġdid xi sitt ijiem wara. Jum il-Milied ta' dik is-sena Newman għaddieh fuq il-bastiment tiegħu sorġut biswit Lazzarett. Dak il-

Milied kien wieħed mill-agħar li għadda. U sogħobbih qatigħ li dak in-nhar ħtiġilhom tabilfors igħabbu l-faħam.

Huwa u ġej Malta l-ewwel darba, Newman igħid li ra 'l Għawdex u 'l Kemmnuna, ra wkoll San Pawl il-Baħar. Feraħ mhux ftit meta sar jaf li t-temp kien għadu kemm qaleb u sata' jitgħaxxaq bi ġranet sbieħ bħal ta' Lulju. Fil-port kellhom għajnejn l-għassies tal-kwarantina fuqhom biex ma jħalli 'l ħadd jitla' abbord jew jinżel l-art: iżda kienu jistgħu jduru mal-port bid-dgħajjes. Newman ma ħebiex juri li l-kwarantina dejqitu. Iżda kien jifhimha kemm il-Gvern kien jeħtieġlu jisħaq dwar it-tħaris tal-kwarantina: Malta hija l-bieb tal-kontinent, u fuq kollox, Newman induna li l-Lazzarett tagħna kien wieħed mill-aktar komdi.

Xi ftit mill-ewwel impressjonijiet:

> Fancy being rowed in an open boat without a greatcoat on a December evening, and not feeling cold. The sun went down gloriously and the sky was of an indescribable gold colour. ...The bells are beautiful here, as at Gibraltar and Cadiz, deep and sonorous, and they have been going all the morning...(1)

Iżda Newman ma kienx imdorri jismagħhom,u ddejjaq b'dawk il-moti tal-Milied. Dak in-nhar stess, wara nofs in-nhar għażel xi kmamar għaliħ għal meta jerġa' lura mill-gżejjer tal-Greċja: għax il-kwarantina x'imkien trid tagħmilha. Sab jikri biċċtejn għamara mill-aħjar u bi ftit flus. Kera wkoll vjolin. Xtaq jissokta jitgħallem it-Taljan u qabbad surmast biex iħarrġu. Lil Newman għoġbuh l-imtieħen tar-riħ tagħna. Minn qrib il-Lazzarett kien jilmaħ l-imtieħen li dak iż-żmien kienu jżejnu s-swar qrib Putirjal, u l-ittra li semmejna jagħlaqha b'deskrizzjoni ta' waħda minnhom.

Fl-10 ta' Jannar, 1833, Newman kien dieħel mill-ġdid fil-port tagħna. Għedna kif Newman kien ġa ħaseb biex igħaddiha tajjeb. Għaddielu minn moħħu l-ħsieb li jikteb xi poeżiji. U hawn Malta sata' jtemm il-ġabra ta' poeżiji magħrufa bħala 'Patriarchal Sonnets' (26 ta' Jan. 1833). Hawn ser inġib waħda li laqtitni — ġawhra żgħira:

---

(1) Letters and Correspondence of J. H. Newman, during his life in the English Church, ed. at his request by Anne Mozley, 2 vols.; Longmans, Green & Co., London 1891. 'L oħtu Harriet, 25-12-1832.

If e'er I fell beneath Thy rod,
As through life's snares I go,
Save me from David's lot, o God!
And choose Thyself the woe.
How should I face Thy plagues? which scare
And haunt, and stun, until
The heart or sinks in mute despair
Or names a random ill.
If else — then guide in David's path,
Who chose the holier pain;
Satan and man are tools of wrath —
An angel's scourge is gain. (2)

Għaxart ijiem wara, fl-20 ta' Jannar, bħallikieku f'estasi ta' hena liema bħalu, hekk fisser il-ħsus li kienu jbaqbqu f'qalbu:

...Only imagine my pleasure at being in these places! I was in silent wonder; and everything so grand and beautiful, and the mode of conveyance such that I could look on without stop and without fatigue. I had Homer's Odyssey, Virgil and Thucydides with me, and seemed transported back to their times, for everything looks now just as it did then. Mountains cannot change...

...Well did Homer in the beginning of the Odyssey speak of it (Mt. Atlas) as supporting the heavens (as having makràs kionas 'uranû). It has just that effect if you take the Mediterranean as the great centre of the earth, and the sky stretched over it as a curtain. (3).

F'waħda mill-ittri ta' Newman insibu deskrizzjoni, megħjuna xi drabi b'xi tpinġija, tal-kmamar li kellu fil-Lazzarett. Iżda naħseb li lilna aktar jolqotna li nkunu nafu kif Newman kien jaħsibha dwar ġrajjiet niesna u r-relazzjonijiet bejn il-Knisja u l-Istat fi gżiritna:

Yesterday we met at the parlatorio Sir John Stoddart, Chief Justice to whom both Froude and I had letters. He gave us a good deal of curious information about the state of the Catholic Church in Malta.

---

(2) Ibid. 'l oħtu Harriet, qrib Malta 10-1-1833 (David Numbering the People).
(3) Ibid. lil J.-W. Bowden Esq., Lazzarett, Malta, 20-1-1833.

It seems Malta was not taken, but capitulated to us; and one of the provisions was that the laws and the religion should be inviolate. Now, the clergy here were independent altogether of the state in such a way as hardly in any other Catholic country at present. Till 1813 nothing was done, for the Government thought the island might be ceded at the peace; but, after Bonaparte's defeat in Russia, they resolved on keeping it. A Commissioner was sent out to adjust the legal and ecclesiastical system. Sir J. Richardson went on with it — when here in 1826 — and Sir J. Stoddart is going on with it now. He is introducing trial by jury, which at first sight is a problematical improvement. As to the clergy, they were tried in courts of their own (as in Becket's time), and irresponsible to the civil power. How was this to be altered? For a Catholic to violate the rights of the Church is a mortal sin, from which not even the Bishop—no one but the Pope can release him. Supposing, then, the King to make it law that the clergy should be subjected to the State courts, the execution of such a measure would, of course, rest with native magistrates; let them then enforce it against a priest, and then go to their confessor. The priest cannot absolve them; he has not the power: he can do nothing without the Pope's assent. This exemplifies the admirable system of the Papacy as an instrument of power. Accordingly, representations were made to the Pope — at that time Leo XII — and, though he was considered strict in his adherence to the privileges of the Church, the Government managed to gain a continual dispensation for the Catholic magistrates here; and that thus the clergy are virtually subject to the State courts. This system of dispensation is in force in Austria.(4).

Fl-istess ittra Newman isemmi wkoll il-kwistjoni ta' l-għażla ta' l-Isqof. Dak iż-żmien Malta kienet għadha seda suffraġanea ta' Palermu; għalhekk, u wkoll għax baqa' jżomm is-sovranità fuq dil-gżira, ir-Re ta' Napli kien irid jaħtru hu. Iżda sa dak iż-żmien ma kienx inqala' taħwid.

Newman jagħlaq l-ittra li semmejna b'paragrafu li jiġbor fih ħafna tagħrif importanti; waħda mill-problemi li kienu jħawdu l-Gvern hi l-emigrazzjoni, għax in-nies kienet qed toktor wisq:

The Maltese are a very industrious race — a contrast to the Ionians. The most industrious servants at Corfu are Maltese.

---

(4) 'l oħtu Jemina, Lazzarett, Malta, 15-1-1833.

There was a plan some time since to relieve the place of its abundant population by sending them there; but, whether from the difference of religion or other cause, it did not answer. Malta increases by a thousand souls a year. It has the largest population on the smallest territory of any place in the world — above 100,000. Sir J. Stoddart said he had a plan for colonising them to Negropont. I suppose it would not do. (5).

Fit-23 ta' Jannar Newman temm iż-żmien tal-kwarantina. Iżda mal-lejl kien għadu kemm kellu xi żjajjar misterjużi. Hu u sħabu lkoll semgħu xi passi. Iżda dawk il-ħsejjes kienu semgħuhom darbtejn oħra qabel. Madankollu ma tantx ta każ. Tassew li hemm l-erwieħ il-ħżiena jiġġerrew madwarna, iżda mbagħad hemm l-erwieħ it-tajba li jħarsuna. Newman aktar sogħob bih għax meta qam jitkixxef ħa riħ li ħarbatlu l-pjanijiet kollha. Ir-riħ kien tant qawwi li baqa' jiftakru ħajtu kollha.

Iżda għalkemm hu ma setax jara wisq minn Malta, il-Kon-Kattidral ta' S. Gwann kien minn ta' l-ewwel li ra:

I have seen St. John's Church, and most magnificent it is. It is in the same style as St. Peter's; in richness and exactness, minuteness and completeness, far exceeding anything I have ever seen. I shall go to it once or twice more to get some more accurate notion of it. ... It is covered throughout with the most costly marbles and with gilding; a multitude of pictures — some very fine — some statuary, splendid tapestries, and silver lamps and candles of course. In the Chapel of the Communion are the famous silver rails which were saved from the clutches of Bonaparte by being painted to look like wood; he took away the gold rails. By this and similar acts the French have made themselves hated here. (6).

Iżda aktar 'il quddiem jissokta jfisser l-opinjoni tiegħu dwar dak li ra:

I have hitherto seen little of the Greek and Latin churches, but what I have seen fires me 'with great admiration'. I do not perceive that my opinion has in any respect changed about them; but it is fearful to have before one's eyes the perversion of all

---

(5) Ibid.; dal-proġett ta' emigrazzjoni jfakkarni f'wieħed tal-Gvernatur Straubenzee, li fl-1872 ried jibgħat il-Maltin il-Jamaica.

(6) Ibid.; 'l ommu, 26-1-1833.

the best, the holiest, the most exalted feelings of human nature. Everything in St. John's Church is admirable, if it did not go too far; it is a beautiful flower run to seed. I am impressed with a sad presentiment, as if the gift of truth when once lost was lost for ever. (7).

Jitkellem ukoll fuq l-imġieba tal-Maltin ma' ġnus oħra. Ma għandniex ninsew li dak iż-żmien l-Ingilterra, Franza, Napli, ir-Russja, l-Ordni ta' S. Ġwann kollha kellhom l-ambizzjonijiet tagħhom dwar dil-gżira.

I was speaking just now of the Maltese disliking the French. They are said to like the Russians, as the Greeks do; but there is so much contradictory testimony. All agree that they are a very industrious race, being an exception to the general Mediterranean character; I suppose they are Arabs or Moors in great measure. Paul was Grand Master of the Order, and I suppose the Russians narrowly missing getting the island, instead of us, their troops, which were to have have co-operated with the English, being suddenly called off to act together with the French against us, they appointed wealthy men as commanders of their vessels in these parts, with orders to spend a good deal of money among the Maltese population. About five years ago they quite enriched the place. At present there is extreme poverty. We are told that, if any other poeple were so distressed, there would be a mob of 400 or 500 starving men every morning at the Governor's palace. (8).

Newman, kif ġietu, ma satax jiġri wisq ma' Malta. Darba, meta r-riħ kien tista' tgħid ħallieh għal kollox, mar sa S. Pawl il-Baħar bid-dgħajsa. Sata' wkoll idur xi ftit mat-toroq tal-Belt tagħna. Laqtuh id-djar ta' l-ibliet tagħna.

The houses are superb. They are great places. The Knights spent their money in houses and fortifications. The houses in Messina, Palermo and here (Naples) are very splendid, but they are inhabited in floors; whereas in Malta one man has the whole house, with its square court within, galleries, etc. (9).

---

(7) Ibid.

(8) Ibid. Dwar il-partitarji tar-Russja f'dawn l-ibħra, ftakar fil-Kaptan Guliermu Lorenzi fir-rumanz 'Nazju Ellul' ta' Ġ. Muscat Azzopardi.

(9) Ibid., 'l oħtu Harriet, Napli, 16-2-1833.

Fl-istess ittra, huwa jitkellem ukoll fuq it-'Town Planning' tal-belt Valletta u fuq is-swar:

The streets are straight, and at right angles to each other; the fortifications prodigious in point of size and extent, but not worth much in a military point of view, each Grand Master adding to his predecessor's work without unity of plan or use for modern purposes. (10).

Ta' bniedem sinċier li kien, Newman ma qagħadx jinħeba wara sebgħu, iżda stqarr b'wiċċu minn quddiem u qalilna x'ħeherlu mill-imġieba tal-Maltin ma' l-Ingliżi:

I forget what opinion I gave about the attachment of the Maltese to the English; our final and confirmed opinion was that they do not like us. England has laid a heavy corn tax on them, which galls them much; £120,000 is thus raised, which is profusely laid out in quasi-sinecures, and, after all, a balance is transmitted to England. Few Maltese are put into any posts of importance. It is urged, on the other hand, that responsible men, Englishmen of wealth, must be put into places which yet it is confessed none but Maltese deputies can execute. (11).

Newman ħalla 'l Malta għal Sqallija fis-7 ta' Frar. Il-passiġġieri kienu bejn is-70 u t-80, ilkoll turisti, reġgħin lura minn Malta.

There was Prince Galitzin, and the wife of the Governor of Wallachia and Moldavia, and counts and princes numberless, who spat about deck and cabin without any concern, Poles, Russians, Germans, French. The only gentlemenlike men were the princes of Rohan, Carlists, who prosecuted Madame de Zeuchères last year. (12).

Waħda mill-ittri li Newman kiteb minn hawn Malta aktar 'il quddiem hija ta' interess partikolari għalina. Fiha jitkellem fuq l-Ilsien Malti. Ma ninsewx li Newman kiteb aktar minn mitt sena ilu, u matul dan iż-żmien il-Malti ssokta jixrob fih bosta elementi ġodda:

Maltese itself is entirely or almost entirely Arabic; the mixture of Italian is for the most part confined to the city. It is cur-

---

(10) Ibid.
(11). Ibid.
(12). Ibid.,

ious to trace the consequent connection between it and Hebrew. I have seen tables of their correspondence and nearly all the common words in both languages (i.e. the necessaries of life, etc.) are the same. The number of such agreements is very great. (13).

Iltqajt ma' xi nies hawn Malta li jgħidu li Newman kiteb il-poeżija tiegħu 'Lead kindly light' meta kien fuq il-baħar bejn Malta u Sqallija. Iżda fil-ktieb li semmejna aktar 'il quddiem, u li kien publikat fuq talba ta' Newman, insibu li huwa kitibha fl-istrett ta' Bonifacio, meta kien rieġa' lura lejn l-Ingilterra. Il-ħidma tal-grazzja t'Alla hija moħbija u siekta bħal taż-żerriegħa midfuna ġol-ħamrija; il-konverżjoni ta' Newman ġrat f'Ottubru ta' l-1845.

---

(3). Ibid, lil Rev. Thomas Mozley, Ruma, 9-3-1833.

Ġ. GHIGO, S.J.

## FILOLOĠIJA.

It-tifsira tal-proverbji mhix dejjem ċara. Fost dawn hemm il-proverbju: Il-bokra ssewwi ż-żokra, li Vassalli jfisser ħażin "il levarsi di buon mattino accomoderà l'ombelico, oppure l'appezzerà l'oltre". Imma Vassalli jgħid mill-ewwel li dawn it-tifsiriet ma jagħmlux sens. Hu jgħid, jekk żokra tista' toqgħod għal żaqq, il-proverbju jfissser: "Chi si metterà al travaglio di buon mattino, il suo ventre si aggiusterà, perchè non soffrirà più fame o perchè invigorerà la costituzione". Imma jekk żokra tfisser "otre o sacco di pelle", tista' toqgħod għal kull vażett tal-fuħħar u s-sens tal-proverbju hu li min iqum kmieni "rattopperà l'otre, il buco".

Imma dal-proverbju jfisser sewwa sew li min iqum kmieni jibqa' f'saħħtu għax ma jrabbix żaqq bħal min jitgħażżen. Dal-proverbju f'das-sens jingħad fis-Sirja bil-maqlub — en-nawme min al-bekra betrabbi xaħm 'aż-żekra, u jfisser "min ma jbakkarx irabbi x-xaħam maż-żaqq", qawl li kif igħid Feghalie jingħad l-aktar lill-għażżenin li jħobbu jixxaħxħu fis-sodda.

Ġ. AQUILINA.

# SCICLUNAS BANK

# SERVICE

# SECURITY

# SECRECY

# SAVINGS.

**(ESTABLISHED 1830)**

# THE NATIONAL BANK OF MALTA

EVERY DESCRIPTION
OF BANKING BUSINESS TRANSACTED

HEAD OFFICE: EXCHANGE BUILDINGS, VALLETTA.

GOZO BRANCH: VICTORIA, GOZO.

Telegraphic Address: "BANK" Malta.

AFFILIATED BANK:

SCICLUNAS BANK

PALACE SQUARE —— VALLETTA.